

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Insolvenza/falliment](#) > [Ireland](#)

Insolvenza/falliment



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

Il-Liġi dwar l-Insolvenza fl-Irlanda hija rregolata mill-Atti dwar il-Falliment ta' mill-1988 sal-2015 u l-Atti dwar l-Insolvenza Personali ta' mill-2012 sal-2021 (l-Att dwar l-IP). L-Att dwar l-IP jipprovduti tliet metodi ta' riżoluzzjoni ta' dejn, u jintroduċi emendi għal-leġiżlazzjoni dwar il-falliment.

Il-proċedimenti tal-insolvenza personali kollha, inkluż il-falliment, huma amministrati mill-Insolvency Service of Ireland (ISI) (is-Servizz tal-Insolvenza tal-Irlanda), li huwa korp statutorju indipendenti mwaqqaf fl-2013 li jopera taħt il-patroċinju tad-Dipartiment tal-Ġustizzja.

Il-proċedimenti tal-insolvenza personali, li huma rregolati mill-Att dwar l-IP, jinkludu t-tliet arranġamenti li ġejjin:

1. Avviż ta' Felsien mid-Dejn (Debt Relief Notice - DRN): għal djun sa massimu ta' €35 000 għal persuni bi kważi l-ebda assi u dħul baxx ħafna.
2. Arranġament għall-Ħlas tad-Dejn (Debt Settlement Arrangement - DSA): għall-ħlas miftiehem ta' djun mhux garantiti illimitati fuq perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin (li jista' jiġi estiż għal sitt snin f'ċerti ċirkustanzi).
3. Arranġament ta' Insolvenza Personali (Personal Insolvency Arrangement - PIA): għall-ħlas jew ir-ristrutturar miftiehem ta' dejn garantit sa €3 miljun (li jistgħu jiżdiedu bi qbil mal-kredituri) u ta' dejn mhux garantit illimitat fuq perjodu ta' mhux aktar minn sitt snin (li jista' jiġi estiż għal seba' snin f'ċerti ċirkustanzi).

Id-DSA u l-PIA it-tnejn jinvolvew proċess fi tliet fażijiet:

Fażi 1: Il-qorti rilevanti toħroġ Ċertifikat ta' Protezzjoni (ĊP) li mal-ħruġ jipprekludi lil ċerti kredituri msemmija jew "speċifikati" milli jieħdu azzjoni jew jibdew proċeduri kontra d-debitur, inklużi petizzjonijiet ta' falliment, sabiex jirkupraw id-dejn tagħhom. Meta jingħata mill-qorti rilevanti, ĊP jitlob 70 jum, iżda jistgħu jiġu estiżi għal 40 jum oħra għal ċerti raġunijiet.^[i]

Fażi 2: Dan jinvolvew n-negozjar minn Prattikant ta' Insolvenza Personali (PIP) jew (xi ħadd mitlub jagħmel hekk mill-PIP f'konformità mal-Parti 3 tal-Att dwar l-Insolvenza Personali tal-2012 f'isem id-debitur mal-kredituri speċifikati tiegħu u l-approvazzjoni tal-proposta permezz ta' vot f'laqgħa statutorja tal-kredituri. Fil-każ ta' PIA biss, leġiżlazzjoni reċenti pprevediet l-opportunità li d-debitur jitlob stħarriġ ġudizzjarju tal-proposta tiegħu meta l-kredituri jiċċedu l-proposta ta' PIA waqt il-laqgħa tal-kredituri.^[ii]

Fażi 3: L-Implimentazzjoni tal-Arranġamenti, inklużi d-distribuzzjonijiet mill-PIP lill-kredituri minn żmien għal żmien u reviżjonijiet annwali mill-PIP fejn xieraq.

Debitur jista' jidħol f'DRN, DSA jew PIA darba biss.

Il-falliment huwa opzjoni għad-debituri li, minħabba ċ-ċirkustanzi tagħhom, ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà għat-tliet soluzzjonijiet ta' dejn imsemmijin hawn fuq, jew li jkunu diġà daħlu f'waħda mis-soluzzjonijiet ta' dejn iżda l-arranġament mal-kredituri ma rnexxiex.

Meta individwu jkun wera li s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu ma tistax tiġi solvuta permezz ta' Arranġament ta'

Insolvenza, u jkollu ittra minn PIP li tixhed dan, huwa jista' jitlob lill-Qorti Superjuri tiddikjarah fallut. L-individwu jkun irid jitlob Ordni ta' Aġġudikazzjoni (Ordni ta' Falliment) lill-Uffiċċju tal-Eżaminatur tal-Qorti Superjuri u jħallas somma inizjali ta' €200. Ir-rikorrenti jinstemgħu mill-Qorti Superjuri; wara li individwu jiġi ddikjarat fallut, ikun obligat bil-liġi li jikkoopera mar-Riċevent Uffiċjali f'Falliment u mal-uffiċċju tiegħu (it-Taqsima tal-Falliment tal-ISI), li huma responsabbli mill-amministrazzjoni tal-patrimonju tal-falliment.

Malli debitur isir fallut, id-djun mhux garantiti tiegħu jitħassru kompletament, madankollu, l-assi kollha tiegħu isiru l-proprjetà tar-Riċevent Uffiċjali f'Falliment, li huwa l-amministratur tal-patrimonju tal-falliment maħtur mill-Qorti Superjuri.

Il-proċeduri ta' falliment jistgħu jinbdeu fiż-żewġ ċirkustanzi li ġejjin:

1. Minn Kreditur Petizzjonant, li jressaq talba quddiem il-Qorti Superjuri sabiex tfalli individwu li għandu xi djun miegħu, waqt li jagħti prova li huwa kreditur tal-individwu u li dak l-individwu ma għamilx tentattivi sodisfaċenti biex iħallas id-djun tiegħu.
2. Mill-individwu nnifsu, magħruf bħala falliment Awto-Aġġudikanti.

Persuna falluta hija awtomatikament meħlusa mill-falliment fl-ewwel anniversarju tad-data tal-aġġudikazzjoni, sakemm ma kinitx soġġetta għal Ordni ta' Estensjoni tal-Falliment (magħmula mir-Riċevent Uffiċjali f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità).

L-Att dwar l-IP joħloq professjoni rregolata mill-ISI, li taqa' taħt żewġ kategoriji:

1. Intermedjarji Approvati (IA): persuna jew korp korporattiv awtorizzat mill-ISI biex jappoġġa lid-debituri li jixtiequ jitolbu DRN.
2. Prattikanti fl-Insolvenza Personali (PIP): persuna awtorizzata mill-ISI biex taġixxi bħala kuntatt bejn id-debitur u l-kreditur(i) tiegħu biex jiġi żgurat DSA jew PIA. Il-PIP huwa legalment obligat li jaġixxi f'konformità mal-Att dwar l-IP u mar-regolamenti assoċjati. Il-PIP jista' jitlob ukoll lil kwalunkwe persuna impjegata minnha, fi sħubija komuni magħha, jew li jkollha impjegatur komuni magħha biex twettaq ċerti funzjonijiet tal-PIP.^[iii]

1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Fl-Irlanda, l-individwi (inklużi sħubiji ta' individwi) jibdeu proċedimenti ta' insolvenza personali permezz ta' proċeduri stabbiliti fl-Att dwar l-IP. Il-kredituri jistgħu jibdeu proċedimenti ta' falliment kontra debitur, jew debitur jista' jitlob il-falliment fuq inizjattiva tiegħu stess.

2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Proċedimenti ta' Insolvenza

Il-kundizzjoni ewlenija għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza personali hija li d-debitur ikun insolventi, jiġifieri ma jistax iħallas id-djun tiegħu meta jsiru dovuti. In-natura u l-firxa tad-djun u l-introjt tad-debitur imbagħad jiddeterminaw liema mit-tliet tipi ta' arranġament huwa xieraq.

Sabiex jiġi żgurat li individwu soġġett għal Arranġament ta' Insolvenza jkun xorta jista' jżomm standard raġonevoli ta' għajxien, l-ISI fformula linji gwida (wara proċess estensiv ta' konsultazzjoni) imsejħa l-Ispejjeż ta' Għajxien Raġonevoli (Reasonable Living Expenses - RLEs). Minbarra li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-Arranġament ta' Insolvenza, dawn il-linji gwida jgħinu wkoll biex jissalvagwardjaw id-dritt statutorju tad-debitur għal standard ta' għajxien raġonevoli, billi jiżguraw metodu ġust u trasparenti għall-istandardizzazzjoni tal-ispejjeż tal-għajxien ta' kuljum għad-debituri f'diffikultà. L-RLE tad-debitur, ibbażati fuq il-mudell stabbilit mill-ISI, huma kkalkulati mill-IA jew il-PIP tiegħu meta jitlob l-Arranġament tal-Insolvenza tiegħu.

1. Avviż ta' Ħelsien mid-Dejn (Debt Relief Notice - DRN)

Biex jitlob DRN, id-debitur:

- M'għandux ikun jista' jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti;
- Għandu jkollu introjtu nett disponibbli fix-xahar ta' €60 jew inqas wara l-RLEs;

- Għandu jkollu assi ta' € 1,500 jew inqas. Huwa permess li d-debituri jkollhom ukoll:
 - Oġġett wieħed ta' ġojjellerija li ma jaqbiżx il-valur ta' €750;
 - Vettura waħda li tiswa € 5,000 jew inqas, jew;
 - Tagħmir tad-dar jew għodod, dment li l-valur ikkombinat tagħhom ma jaqbiżx is-€6,000;
- Ikunu residenti fir-Repubblika tal-Irlanda jew iridu jkunu ordinarjament għexu jew kellhom post tan-negożju fl-Irlanda, tul is-sena preċedenti;
- Ikunu mlew u ffirmaw Dikjarazzjoni Finanzjarja Preskritta (PFS) u għamlu Dikjarazzjoni Statutorja li hija vera u preċiża.

Eżempji tipiċi tad-djun inklużi fid-DRNs huma djun ta' karti tad-debitu, overdrafts, self personali, self tal-Unjoni ta' Kreditu, kontijiet tal-utilità, u kards tal-ħwienet.

2. Arranġament għall-Ħlas tad-Dejn (Debt Settlement Arrangement - DSA)

Debitur huwa eliġibbli li jitlob DSA jekk huwa:

- Ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti;
- Għandu kreditur wieħed jew aktar mhux garantit;
- Ikun residenti fl-Irlanda jew irid ikun ordinarjament għex jew kellu post tan-negożju fl-Irlanda tul is-sena preċedenti;
- Ikun mela u ffirmaw Dikjarazzjoni Finanzjarja Preskritta (PFS) u għamel Dikjarazzjoni Statutorja ffirmata li l-informazzjoni pprovduta hija vera u preċiża;
- Kiseb dikjarazzjoni minn PIP li tikkonferma li l-PIP huwa tal-fehma li:
 - L-informazzjoni fil-PFS hija vera u preċiża;
 - Id-debitur huwa eliġibbli biex jagħmel proposta għal DSA;
 - Wara li kkunsidra l-PFS tad-debitur m'hemm l-ebda probabbiltà li d-debitur isir solventi fil-ħames snin segwenti;
 - Jekk id-debitur jidhöl f'OSA hemm prospett raġonevoli li jsir solventi fil-ħames snin li ġejjin.

Minbarra d-djun elenkati għal DRN, id-djun f'OSA jistgħu tipikament jinkludu self u garanziji personali.

3. Arranġament ta' Insolvenza Personali (Personal Insolvency Arrangement - PIA)

Debitur huwa eliġibbli li jitlob PIA jekk huwa:

- Ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti;
- Għandu jħallas djun lil mill-inqas kreditur garantit wieħed li għandu dik il-garanzija fuq proprjetà jew assi Irlandiżi;
- Għandu djun garantiti ta' inqas minn €3m (jekk il-kredituri garantiti kollha jaqblu, dan il-limitu jista' jiġi miżjud);
- Ikkoopera taħt proċess ta' arretrati ta' ipoteki (pereż. il Proċess ta' Riżoluzzjoni ta' Arretrati ta' Ipoteki (MARP) irregolat mill-Bank Ċentrali tal-Irlanda) għal perjodu ta' sitt xhur mal-kreditur garantit fir-rigward tar-residenza privata prinċipali u -
 - ir-riżultat kien li ma ġie miftiehem l-ebda arranġament alternattiv ta' ħlas lura, jew;
 - il-kreditur garantit ikkonferma li mhux se jwettaq tali arranġament, jew
 - id-debitur daħal f'arranġament alternattiv ta' ħlas lura u għamel ħiltu biex jikkonforma ma' dak l-arranġament, li għalih il-PIP ipprovdva konferma;
- Ikun residenti fl-Irlanda jew ordinarjament għex jew kellu post tan-negożju fl-Irlanda tul is-sena preċedenti;
- Mela u ffirmaw Dikjarazzjoni Finanzjarja Preskritta (PFS) u għamlu Dikjarazzjoni Statutorja li hija vera u preċiża;
- Kiseb dikjarazzjoni mill-PIP li tikkonferma li l-PIP huwa tal-fehma li:
 - L-informazzjoni fil-PFS hija vera u preċiża;
 - Id-debitur huwa eliġibbli biex jagħmel proposta għal PIA;
 - Wara li kkunsidra l-PFS, m'hemm l-ebda probabbiltà li d-debitur isir solventi fil-ħames snin li ġejjin;
 - Jekk id-debitur jidhöl f'PIA hemm prospett raġonevoli li jsir solventi fis-sitt snin li ġejjin.

Minbarra d-djun elenkati għal DRN u DSA, id-djun tipikament inklużi f'PIA se jinkludu self prinċipali ta' residenza privata, self ta' proprjetà għall-investment, ipoteki/self buy-to-let.

Falliment

Fl-Irlanda, l-individwi għandhom id-dritt li jitolbu falliment Awto-Aġġudikanti, jiġifieri jistgħu jressqu talba quddiem il-Qorti Superjuri biex tiddikjarahom falluti. Il-kundizzjonijiet biex wieħed iressaq dawn it-talbiet huma:

- L-individwu, jew id-debitur, irid ikun f'sitwazzjoni li ma jistax iħallas id-djun tiegħu hekk kif isiru dovuti;
- Id-djun tad-debitur iridu jaqbu l-valur tal-assi tiegħu b'€20,000 jew aktar;
- Id-debitur irid ikun għamel tentattiv raġonevoli biex juża DSA jew PIA biex iħallas id-djun tiegħu. Dan irid ikun ippruvat quddiem il-qrati b'referenza għal ittra minn PIP.

Kreditur jista' wkoll jippreżenta petizzjoni għal proċedimenti ta' falliment. Jekk il-kreditur ikun qed iressaq petizzjoni għal falliment, huwa ma jridx ikun irrifjuta b'mod irraġonevoli proposta għal DSA jew għal PIA.

Talba għal ordni ta' falliment issir permezz ta' Petizzjoni, li tobbliga lir-rikorrent jissottometti diversi dokumenti u affidavits preskritti mill-Qorti Superjuri lill-Uffiċċju tal-Eżaminaturi tal-Qorti Superjuri. Ladarba toħroġ, l-ordni ta' falliment jibda jkollha effett mill-ħin attwali tal-ordni nfisha; ma hemmx effett retrospettiv għad-data tal-ħruġ tal-petizzjoni għal falliment bħalma jista' jkun hemm f'ċerti ġuriżdizzjonijiet.

Sakemm issir l-ordni tal-aġġudikazzjoni tal-falliment ma hemmx rimedju speċifiku għal kreditur taħt l-Att dwar il-Falliment sabiex jaħtar amministratur interim - l-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Falliment tippermetti lil fallut jiġi arrestat wara l-aġġudikazzjoni jekk ikun se jħalli l-ġuriżdizzjoni bl-intenzjoni li jevita l-falliment.

Debitur jew kreditur jista' joġġezzjona għal ordni ta' falliment billi jressaq mozzjoni u affidavits quddiem il-Qorti Superjuri li jistabilixxu r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tiegħu.

3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

L-għan ġenerali li l-Att dwar l-IP huwa bbażat huwa fuqu huwa li jiproteġi sa fejn huwa prattikabbli, ir-Residenza Privata Prinċipali tad-debitur u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni huma strutturati b'dan f'moħħom.

L-assi taħt il-Proċedimenti ta' Insolvenza

Fil-każ ta' DSA jew PIA, il-PIP normalment ma jiħux pussess jew sjieda fiżiċi tal-assi tad-debitur - pjuttost il-PIP jieħu kontroll tal-fluss tal-introjtu tad-debitur matul it-terminu tal-arranġament u jissodisfa t-talbiet tal-kredituri minn dan il-fluss ta' introjtu skont it-termini tal-arranġament. Il-fluss ta' introjtu disponibbli huwa wara t-tnaqqis tal-RLEs, il-ħlasijiet lura ta' kera jew ipoteki u ħlasijiet oħrajn għal ċirkustanzi speċjali, bħal spejjeż mediċi. Pagamenti ta' self garantit normalment jiħallsu direttament mid-debitur lill-kreditur tiegħu skont it-termini tal-arranġament tiegħu. Jekk assi jkun se jinbiegħ bħala parti minn Arranġament, normalment jinbiegħ mid-Debitur direttament.

L-assi taħt Falliment

Taħt il-Leġiżlazzjoni dwar il-Falliment, l-assi kollha li jappartjenu għall-fallut fid-data tal-aġġudikazzjoni huma vestiti immedjatament fir-Riċevent Uffiċjali (dan ifisser li r-Riċevent Uffiċjali issa huwa l-proprjetarju tal-assi kollha fil-patrimonju tal-falliment). Għal finijiet ta' ċarezza, dawn l-assi jinkludu:

- Flus;
- Kontijiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi kontijiet kurrenti, ta' tfaddil, ta' investiment eċċ.;
- L-art u l-bini kollu, inklużi dawk meqjusa bħala djar tal-familja;
- Makkinarju, tagħmir, għodod tal-kummerċ, għamara, oġġetti tad-dar u apparat domestiku;
- Il-vetturi kollha;
- Pensjonijiet (b'xi eċċezzjonijiet), prodotti ta' investiment, ishma;
- L-istokk disponibbli ta' kwalunkwe negozju li l-fallut għandu f'ismu jew bħala parti minn sħubija;
- Djun dovuti lill-fallut.

Hemm eċċezzjonijiet għal dan ta' hawn fuq:

- Id-debituri jistgħu jiddikjaraw assi personali esklużi ta' valur massimu ta' €6000, u jistgħu jitolbu lill-Qorti Superjuri biex dan il-limitu jiżdied;
- L-assi li jirriżultaw mill-ksur ta' drittijiet personali huma esklużi mill-falliment peress li dawn mhumiex drittijiet li għandhom ikunu vestiti fl-amministratur għall-kredituri peress li huma personali għall-individwu;
- Ċerti drittijiet ta' pensjoni (irreferi għal-leġiżlazzjoni għal aktar kjarifiki).

Fallut huwa taħt l-obbligu li jinforma lir-Riċevent Uffiċjali jekk jirċievi xi assi waqt it-terminu tal-falliment tiegħu, irrISPETTIVAMENT minn kif ġie fil-pussess ta' dawk l-assi. Tali assi huma vestiti fir-Riċevent Uffiċjali, meta mitluba minnu, u jidħlu fil-patrimonju tal-falliment.

4 X'setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispETTIVAMENT?

Proċedimenti ta' Insolvenza

PIP, meta jiġi mqabbad minn debitur, jaġixxi bħala negozjatur bejn id-debitur u l-kredituri tiegħu. Il-PIP huma marbuta bil-leġiżlazzjoni biex jaġixxu fl-aħjar interessi kemm tad-debitur kif ukoll tal-kreditur(i), u għalhekk huma obbligati jifformulaw l-aħjar arranġament possibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha f'arranġament ta' insolvenza.

Ir-rwol u l-funzjonijiet ta' PIP jinkludu li:

- Jinvolvi ruħu ma' debitur li qed jikkontempla li jagħmel proposta għal arranġament ta' insolvenza;
- Jaċċetta l-ħatra bħala Prattikant fl-insolvenza;
- Jirrevedi d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Preskritta (PFS) imħejjija mid-debitur u jagħti pariri lid-debitur dwar l-opzjonijiet u l-eliġibbiltà tiegħu biex jagħmel proposta għal ħlas ta' dejn jew arranġament ta' insolvenza personali;
- Ikun sodisfatt li l-informazzjoni finanzjarja mogħtija lil mid-debitur hija eżatta u sħiħa;
- Jagħti opinjoni, ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni, dwar liema huwa l-aħjar tip ta' arranġament ta' insolvenza (DSA jew PIA) adattat għas-sitwazzjoni tad-debitur;
- Jipprovi informazzjoni relatata mal-proċedura magħżula, l-effett ġenerali ta', u l-ispejjeż probabbli biex wieħed isir parti minn arranġament ta' insolvenza;
- Jitlob Ċertifikat Protettiv (ĊP) f'isem id-debitur;
- Jinnotifika lill-kredituri kollha dwar iċ-ĊP, il-ħatra tal-PIP, u jinkludi kopja tal-PFS tad-debitur;
- Iħejji proposta lill-kredituri u jlaqqa' laqgħa statutorja tal-kredituri sabiex jikkunsidraw il-proposta u jivvutaw fuqha;
- Fejn proposta tiġi approvata, jinnotifika lill-ISI u lill-kredituri kollha dwar l-eżitu;
- Ladarba tkun approvata mill-qorti jew wara sħarriġ ġudizzjarju, jopera t-termini tal-arranġament inkluż il-ġbir ta' fondi mid-debitur u l-ħlas lill-kredituri tul l-arranġament kollu;
- Jimmonitorja l-arranġament tul kemm idum japplika;
- Iwettaq reviżjoni tal-arranġament mill-inqas darba fis-sena.

Fi proċedimenti ta' insolvenza, ir-rwol tad-debitur huwa li jipparteċipa b'mod onest fil-proċess, jaqbel mal-arranġament innegożjat mill-PIP tiegħu u jissodisfa t-termini meħtieġa tal-arranġament.

Falliment

Malli jiġi aġġudikat il-falliment, l-assi kollha jiġu żvestiti mill-fallut u jvestu fir-Riċevent Uffiċjali (RU) fil-Falliment. Ir-RU huwa uffiċjal statutorju indipendenti li r-rwol tiegħu huwa li jamministra l-patrimonji fil-falliment u jiġġestixxi t-Taqsim tal-Falliment tal-ISI.

Fl-Irlanda, individwu privat jista' jinħatar bħala riċevent f'falliment sabiex jieħu post ir-Riċevent f'Falliment Uffiċjali tal-Qorti Superjuri (RU). Fil-prattika, dawn il-ħatriet huma rari ferm. L-Att dwar il-Falliment ma jispeċifikax il-kwalifiki għal ħatriet bħal dawn.

Is-setgħat tad-debitur fil-falliment huma limitati għall-possibbiltà tiegħu li jressaq talba lill-Qorti Superjuri biex jikkontesta ċerti deċiżjonijiet tar-RU. Id-debitur huwa obligat li jikkonforma mat-talbiet magħmula mill-uffiċċju tar-RU fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-patrimonju tal-falliment.

5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija?

Kemm l-Atti dwar l-IP ta' mill-2012 sal-2021 kif ukoll l-Atti dwar il-Falliment ta' mill-1988 sal-2015 jippermettu li tiġi applikata t-tpaċija. Huwa stabbilit li, meta jiġi ddeterminat il-valur ta' assi jew ta' ammont dovut, kwalunkwe dejn jew bilanċ ta' kreditu (b) miżmum mal-istess kreditur jista' jiġi paċut mal-ammont oriġinali (a). Il-bilanċ li jifdal huwa għalhekk ikkunsidrat li huwa dejn jew assi, li jista' jkun dovut lid-debitur li qed jirranġa jew lill-kreditur(i).^[iv]

Jekk debitur ikollu tfaddil f'Unjoni ta' Kreditu li jkollu wkoll xi dejn magħha, l-Unjoni ta' Kreditu għandha tpaċi dan it-tfaddil mal-ammont dovut mid-debitur.^[v]

6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti tagħhom?

Proċedimenti ta' Insolvenza

Ċertifikat ta' Protezzjoni ma jħallix lil kreditur jieħu azzjoni waqt il-perjodu ta' Ċertifikat ta' Protezzjoni. L-Arranġament finali jstabbilixxi dak li kien miftiehem fir-rigward ta' kuntratti diġà eżistenti.

Falliment

Il-falliment ma jaffettwax id-drittijiet ta' kreditur garantit fuq il-garanzija tiegħu, jiġifieri kreditur garantit iżomm id-drittijiet kollha li kellu taħt it-termini tal-garanzija tiegħu qabel il-falliment – l-unika differenza hija li issa r-RU, mhux il-fallut, huwa s-sid tal-proprjetà.

Ir-RU għandu d-dmir li jirrealizza l-assi kollha (ibigħhom jew jiddisponi minnhom) f'patrimonju f'falliment sabiex jissodisfa, kemm jista' jkun, l-obbligazzjonijiet tal-patrimonju. Għaldaqstant, il-pretensjonijiet kollha ta' obbligazzjonijiet ibbażati fuq kuntratti kontra d-debitur isiru obbligazzjonijiet tal-patrimonju. Ir-RU jkompli bi kwalunkwe kuntratt ibbażat fuq is-servizzi li għalihom huwa parti l-fallut, f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss.

Jekk ir-RU jkompli kuntratt, isir personalment responsabbli bid-dritt ta' indennizz mill-fondi tal-patrimonju.^[vi]

7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

Proċedimenti ta' Insolvenza

DSA jew PIA: L-ewwel pass li jieħu debitur li jkun qed ifittex DSA/PIA huwa li jitlob ĊP mill-qorti rilevanti. Jekk jinkiseb, dan jipprekludi lil ċerti kredituri msemmija jew speċifikati, li huma s-suġġett ta' ĊP, milli jieħdu xi azzjoni kontra d-debitur għall-irkupru jew għall-eżekuzzjoni tad-djun speċifikati. Fil-fatt, il-kreditur ma jistax:

- Jibda xi proċedimenti legali b'rabta mad-dejn tiegħu;
- Ikompli xi proċedimenti legali, inklużi ordnijiet/sentenzi tal-qorti eċċ., li jkunu nbdew qabel ma ngħata ċ-ĊP, jiġifieri tali proċedimenti legali huma meqjusa sospiżi sakemm idum iċ-ĊP;
- Jieħu kwalunkwe pass biex jirkupra jew jiżgura l-pagament tad-dejn tiegħu;
- Jikkuntattja lid-debitur rigward id-dejn tiegħu, sakemm ma jintalabx jagħmel dan mid-debitur;
- Jibdel jew jitttermina xi ftehim mad-debitur, jew;
- Jibda xi proċedimenti ta' falliment kontra d-debitur.

Ladarba d-debitur jidħol f'arranġament, restrizzjonijiet ta' eżekuzzjoni simili għal dawk stabbiliti hawn fuq japplikaw għall-kredituri sakemm idum l-arranġament.

DRN: Fil-każ ta' DRN, ladarba jkun ingħata mill-qorti rilevanti, l-istess protezzjonijiet elenkati hawn fuq għal DSA/PIA japplikaw sakemm idum id-DRN.

Falliment

Kredituri garantiti u mhux garantiti huma ttrattati b'mod differenti f'falliment. L-unika opzjoni disponibbli għall-

kredituri mhux garantiti f'falliment għall-irkupru tad-dejn tagħhom hija li jagħmlu talba fil-falliment għall-ammont dovut lilhom. Kredituri mhux garantiti ma jistgħux jifhem proċedimenti legali kontra l-fallut wara d-data tal-aġġudikazzjoni. Din hija konsegwenza diretta u awtomatika tal-ordni ta' falliment magħmula mill-Qorti Superjuri. Id-drittijiet ta' kredituri garantiti mhumiex affettwati mill-proċedimenti ta' falliment.

8 X'inhum l-effett ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Proċedimenti ta' Insolvenza

DSA, PIA, DRN:

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 7.

Falliment

Bħal fil-każ tal-assi f'patrimonju ta' falliment, ir-RU jieħu post il-fallut bħala konvenut fi kwalunkwe kawża eżistenti miftuħa mill-kredituri kontra l-fallut. Ir-RU għandu l-għażla li jew jiddefendi, isolvi jew jabbanduna l-proċedimenti. Jekk ir-RU jirnexxi jiddefendi l-proċedimenti, kwalunkwe kontrotalba jew spiża titħallas fil-patrimonju tal-falliment għall-benefiċċju tal-kredituri kollha. Jekk il-proċedimenti jirnexxu, jew jintlaħaq ftehim, l-ammont miftiehem isir pretensjoni ammessa fil-falliment.

9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Wara li laqqa' lill-partijiet ikkonċernati flimkien, l-ISI pproduċa dokument ta' protokoll standard (preċedent) għad DSA u l-PIA. Dan jistabbilixxi l-obbligi kemm tad-debituri kif ukoll tal-kredituri matul l-operazzjoni tal-arranġament. Kampjuni ta' dokumenti ta' protokoll tad-DSA u tal-PIA huma annessi ma dan id-dokument.

Kreditur jipparteċipa kif ġej:

1. Prova tad-Dejn: F'każijiet ta' DSA jew PIA, wara li jkun inħareġ ĊP mill-qorti lil debitur, il-PIP tiegħu jrid jikteb lill-kredituri involuti sabiex jinfurmahom dwar il-ħatra tiegħu, u sabiex jistedinhom jissottomettu prova tad-djun tagħhom u jindikaw kif għandu jiġi ttrattat id-dejn tagħhom skont it-termini tal-arranġament.

Fil-Falliment, il-kredituri kollha huma meħtieġa jissottomettu prova formali tad-dejn qabel jitħallas lilhom dividend.

2. Vot: Meta tissejjaħ laqgħa tal-kredituri minn PIP li jkun qed jaġixxi f'isem debitur li jixtieq jidħol f'ISA jew f'PIA, il-kredituri involuti huma intitolati jivvutaw fuq it-termini tal-ftehim, dment li jkunu taw prova tad-dejn tagħhom.

3. Oġġezzjonijiet: Kreditur jista' joġġezzjona quddiem il-qorti qabel it-termini ta' DSA jew ta' PIA jidħlu fis-seħħ. It-termini speċifiċi huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni.[\[vii\]](#)

4. Offerta ta' Kompożizzjoni: Il-kredituri huma intitolati jivvutaw fuq Offerta ta' Kompożizzjoni mressqa minn fallut. Din isseħħ meta fallut ikun jixtieq jilħaq ftehim ma' xi wħud mill-kredituri jew mal-kredituri kollha tiegħu qabel ma jiskadi t-terminu tal-falliment tiegħu sabiex iżomm l-assi kollha tiegħu.

10 B'liema mod jista' l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn assi tal-patrimonju?

11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-

ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Proċedimenti ta' Insolvenza

Fir-rigward ta' DSA jew ta' PIA kreditur ma jippreżentax formalment pretensjonijiet kontra debitur. L-ewwel stadju fil-proċess huwa l-mili ta' Dikjarazzjoni Finanzjarja Preskritta tad-debitur (PFS). Il-PFS telenka lill-kredituri kollha u l-ammonti dovuti lil kull kreditur, u hija l-bażi fattwali li fuqha jinħareġ ĊP. Wara l-ħruġ taċ-ĊP il-kredituri jistgħu jintalbu jagħtu prova tad-dejn tagħhom mill-PIP qabel isir l-arranġament ta' insolvenza li jkun qed jitthejja mill-PIP. Meta kreditur ma jipprovdix prova tad-dejn wara li jkun intalab jagħmel dan, hemm implikazzjonijiet f'termini ta' drittijiet tal-vot għall-arranġament u għas-sehem mid-dividendi.

Fir-rigward ta' talba għal DRN, ma jsirux pretensjonijiet formali mill-kredituri, iżda kreditur jista' jintalab minn IA biex jikkonferma li s-somma dovuta żvelata mid-debitur tkun iċ-ċifra korretta.

Djun ġodda li jinħolqu wara d-data tal-Arranġament mhumiex koperti mill-Arranġament. F'każ li djun eżistenti minn qabel jinbidlu fil-kobor tagħhom, tista' tkun meħtieġa varjazzjoni fl-arranġament ġenerali (eż. responsabbiltà kontinġenti tikkristallizza)

Falliment

F'falliment, il-profil ta' patrimonju ta' falliment (l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tal-fallut) huwa stabbilit f'żewġ formoli li l-fallut irid jimla u jippreżenta lill-Ispettur tal-Falliment fil-ġurnata tal-aġġudikazzjoni tiegħu: id-Dikjarazzjoni tan-Negozju u d-Dikjarazzjoni tal-Infurmazzjoni Personali. It-tipi kollha ta' obbligazzjonijiet huma inklużi bħala pretensjonijiet mhux ippruvati fil-falliment dment li jkunu saru mid-debitur qabel id-data tal-aġġudikazzjoni tiegħu, jiġifieri d-data li fiha jibda t-terminu tal-falliment tiegħu. Kwalunkwe dejn li jsir mill-fallut wara d-data tal-aġġudikazzjoni ma jstax jiġi inkluż bħala pretensjoni fil-falliment.[viii]

12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Proċedimenti ta' Insolvenza

Wara l-ħruġ ta' ĊP fi proċedimenti ta' insolvenza DSA u PIA, il-kredituri speċifikati jiġu nnotifikati dwar il-ħruġ taċ-ĊP u tingħatalhom kopja tal-PFS tad-debitur. Il-kreditur jista' jintalab jagħti prova tad-dejn u jiġi mistoqsi kif jippreferi li d-dejn tiegħu jiġi ttrattat. Id-dejn ta' kreditur jiġi ppruvat bl-istess mod ta' kif dejn ta' fallut jiġi ppruvat taħt l-Att dwar il-Falliment.

Wara li l-kreditur ikun ta prova tad-dejn tiegħu, huwa jkun intitolat jivvota fil-laqqgħa tal-kredituri statutorji mlaqqa' sabiex tiġi approvata l-proposta tad-debitur. Jekk il-kreditur ma jissottomettix prova tad-dejn, jew inkella ma jurix id-dejn tiegħu b'mod adegwat, ma jstax jipparteċipa fil-laqqgħa tal-kredituri jew fi kwalunkwe ħlas ta' dividend ipprovdut fl-arranġament.

Falliment

Notifika tal-individwi li jkunu ġew aġġudikati falluti tintbagħat lil lista ta' istituzzjonijiet finanzjarji u Dipartimenti tal-Gvern mit-Taqsima tal-Falliment tal-ISI l-għada tal-ġurnata li fiha l-individwi jiġu aġġudikati falluti. Notifika ta' dawn l-aġġudikazzjonijiet tiddehha ukoll fis-sit web tal-ISI u fl-*Iris Oifigiul*, li hija pubblikazzjoni uffiċjali tal-Istat Irlandiż.

Il-kredituri garantiti f'patrimonju ta' falliment jingħataw avviż bil-quddiem ta' tletin jum (bil-miktub jew bil-posta elettronika) mid-data tal-aġġudikazzjoni sabiex jissottomettu prova tal-pretensjonijiet tagħhom fil-patrimonju tal-falliment. Tali prova tad-dejn tista' tieħu l-forma ta' atti ta' ipoteke, fatturi, rendikonti u kontijiet, jew f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun meħtieġ affidavit mingħand il-kreditur.

Qabel dividend jitħallas lill-kredituri f'patrimonju ta' falliment, l-ISI javża l-pagamenti li jkunu ġejjin u l-każijiet relatati magħhom. Għal darb'oħra l-kredituri (kemm garantiti u mhux garantiti) jingħataw tletin jum sabiex iressqu l-pretensjonijiet tagħhom lill-ISI, u jkun meħtieġ l-istess oneru tal-provi.

Fi kwalunkwe każ, it-Taqsima tal-Falliment tal-ISI titlob lill-kredituri jimlew Formoli standard tal-Prova tad-Dejn, li huma disponibbli fuq is-sit web tal-ISI.

13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmiem il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri?

Dejn Preferenzjali

Fl-Arranġamenti ta' Insolvenza Personali (PIA) u fl-Arranġamenti għall-Ħlas tad-Dejn (DSA), id-djun preferenzjali jitħallsu skont it-termini tal-ftehim, u fil-falliment id-djun preferenzjali jiġu kklassifikati direttament wara l-ispejjeż tal-falliment u kwalunkwe kost jew spiża mġarrba mir-RU meta jittratta l-patrimonju tal-falliment. Djun meqjusa preferenzjali huma:

- Ċerti ammonti dovuti lill-Kummissarji tad-Dħul, bħal Taxxa fuq l-Introjtu, Taxxa fuq il-Qliġh Kapitali, VAT, PAYE/PRSI eċċ.;
- Ċerti Rati tal-Awtoritajiet Lokali mġarrba fit-12-il xahar qabel id-data tal-aġġudikazzjoni tad-debitur jew tad-dħul fl-arranġament (id-data tal-bidu). Dan jinkludi rati u imposti tal-kunsill lokali;
- Pagi jew salarji dovuti lill-impjegati tad-debitur għall-erba' xhur ta' qabel id-data tal-bidu;
- Kwalunkwe ħlas relatat ma' pensjonijiet, btajjel jew mard dovut lil dawn l-impjegati.[ix]

Dejn Garantit

F'PIA, il-kreditur garantit huwa marbut bit-termini tal-ftehim. F'PIA normali s-sellief garantit jitħallas kwalunkwe ċifra miftehma fl-arranġament mill-introjtu tad-debitur. L-introjtu ta' kull xahar tad-debitur li jista' jifdal wara li jitnaqqsu l-RLEs tad-debitur u l-ispejjeż tal-PIP jitħallas lill-kredituri mhux garantiti tiegħu permezz ta' dividend.

Il-falliment ma jaffettwax id-drittijiet ta' kreditur garantit. Tali kreditur jista' jagħmel waħda mit-tliet għażliet li ġejjin fir-rigward tad-dejn garantit tiegħu:

- Jistrieħ fuq il-garanzija tiegħu – dan ifisser li effettivament jibqa' barra l-falliment;
- Jirrealizza jew jivvaluta l-garanzija tiegħu u jitlob in-nuqqas (jekk ikun hemm) – il-kreditur jikkalkula l-valur ġust tas-suq tal-assi garantit u jnaqqsu mit-total tal-ammont dovut. In-nuqqas li jirriżulta (jekk ikun hemm) jiġi ammess fil-patrimonju tal-falliment bħala pretensjoni mhux garantita. Waqt dan il-proċess, il-kreditur garantit jista' jbigħ l-assi inkwistjoni;
- Jabbanduna l-garanzija tiegħu – il-kreditur garantit għandu l-għażla li jabbanduna għal kollox il-garanzija tiegħu u jkollu l-pretensjoni tiegħu ammessa fil-patrimonju tal-falliment bħala pretensjoni mhux garantita.

Dejn Mhux Garantit

Kemm f'PIA u f'DSA, id-djun tal-kredituri mhux garantiti jitħallsu taħt it-termini miftiehma tal-arranġament. F'DRN jekk iċ-ċirkustanzi ta' persuna jitjiebu waqt il-perjodu ta' superviżjoni, din trid tgħid lill-ISI u skont il-livell ta' bidla, tista' tintalab tikkontribwixxi għal dak li huwa dovut minnha.

Il-pretensjonijiet ta' kredituri mhux garantiti ta' patrimonju ta' falliment jiġu kklassifikati ndaqs. Id-djun tagħhom jitħallsu bil-ħruġ ta' kwalunkwe fond li jifdal wara li jkunu tħallsu l-ispejjeż tal-falliment, l-ispejjeż tar-RU u d-djun preferenzjali.

14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Proċedimenti ta' Insolvenza

Il-kundizzjoni ġenerali għal għeluq sodisfaċenti tal-proċedimenti ta' insolvenza hija li d-debitur ikun issodisfa l-obbligi tiegħu taħt l-arranġament għat-terminu sħiħ tal-arranġament. Ladarba dan ikun seħħ, id-debitur jiġi meħlus mid-djun mhux garantiti tiegħu. L-istatus tad-dejn garantit ikun jiddependi fuq it-termini speċifiċi tal-arranġament.

Jekk debitur jikser it-termini tad-DRN, tad-DNA, jew tal-PIA, jista' jiġi tterminat. Jekk id-debitur jilħaq sitt xhur ta'

arretrati fil-pagamenti, il-ftehim jitqies li falla. Fi kwalunkwe każ, id-debitur isir responsabbli għad-djun kollha dovuti minnu, inklużi l-arretrati, l-imposti u l-imgħaxijiet kollha akkumulati matul il-perjodu ta' nuqqas ta' ħlas fir-rigward ta' dawk id-djun.

Falliment

Fallut li jkun ikkonforma mal-proċess ta' falliment jiġi meħlus awtomatikament mill-falliment wara sena. Fallut jista', fi kwalunkwe stadju tul it-terminu tal-falliment tiegħu, jagħmel offerta (kompożizzjoni) lill-kredituri tiegħu sabiex iħallas id-djun tiegħu. Il-fallut irid jitlob lill-Qorti Superjuri s-sospensjoni tal-proċedimenti ta' falliment tiegħu; dan iwaqqaf lir-RU milli jkompli jirrealizza assi fil-patrimonju. Il-fallut imbagħad jista' jagħmel l-offerta ta' kompożizzjoni lill-kredituri tiegħu fil-Qorti Superjuri. Il-kredituri tal-fallut jivvutaw fuq l-offerta ta' kompożizzjoni; jekk mill-inqas 60 % ta' dawn il-kredituri (skont in-numru u l-valur tad-dejn) jaqblu fuq it-termini tal-offerta, din tgħaddi.

Il-pagament tal-ammont maqbul skont l-offerta ta' kompożizzjoni jista' jiġi minn dividendi tal-patrimonju jew minn fondi mingħand il-fallut innifsu. Kwalunkwe ħlas jew spiża imgħarrba mill-uffiċċju tar-RU fl-amministrazzjoni tal-falliment, kif ukoll kwalunkwe dejn preferenzjali, iridu jitħallsu. Ladarba r-RU jaqbel mal-offerta ta' kompożizzjoni medjata mill-Qorti Superjuri, il-fallut jinħeles mill-falliment.

15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Proċedimenti ta' Insolvenza

Kredituri mhux garantiti – mhux applikabbli.

Kredituri garantiti – l-istatus tad-dejn garantit ikun jiddependi fuq it-termini speċifiċi tal-arranġament.

Falliment

Fil-falliment, il-kredituri ma jistgħux ifittxu lill-fallut għal kwalunkwe dejn eżistenti wara d-data tal-aġġudikazzjoni (id-djun imgħarrba wara l-aġġudikazzjoni jistgħu jiġu mfittxija b'mod normali); minflok iridu jikkomunikaw direttament mar-RU. Ladarba l-fallut jinħeles mill-falliment tiegħu, li huwa sena wara fil-maġġoranza tal-każijiet (każijiet ta' nuqqas ta' konformità eċċ. jistgħu jtawlu dan it-terminu sa 15-il sena), id-djun mhux garantiti kollha (inklużi d-djun preferenzjali) jiġu rilaxxati. Id-djun assoċjati ma' kredituri garantiti, fejn jeżerċitaw l-għażla tagħhom li jistrieħu fuq il-garanzija tagħhom, jissoktaw wara d-data tar-rilaxx. Għall-kredituri garantiti, il-proċedimenti ta' falliment ma għandhomx jaffettwaw id-drittijiet tagħhom fuq l-assi garantit.

Jekk il-kreditur garantit ikun ivvaluta l-garanzija tiegħu u talab għan-nuqqas fil-falliment (bħala dejn mhux garantit), il-porzjon li jifdal wara l-ħlas ta' kwalunkwe dividend jitħassar wara r-rilaxx. Għandu jkun innutat li, anki jekk il-kreditur garantit jeżerċita biss l-għażla tiegħu li jistrieħ fuq il-garanzija tiegħu (u ma jitlobx in-nuqqas fil-falliment), ma jkunx jista' jfittex lid-debitur għal kwalunkwe nuqqas wara li dan ikun inħeles mill-falliment. F'dan ix-xenarju, l-effett nett tal-falliment fuq self garantit (ipoteka) huwa li kwalunkwe porzjon tas-self lil hinn mill-valur tal-assi relatat (fid-data tal-aġġudikazzjoni) jiġi ttrattat bħala dejn mhux garantit.

16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Proċedimenti ta' Insolvenza

DSA jew PIA: Fi proċedimenti ta' insolvenza, ġeneralment huma l-kredituri li jgħorru l-ispejjeż tal-arranġament. It-tariffi tal-PIP, kif maqbula mal-kredituri meta jivvutaw u jgħaddu l-arranġament jew wara approvazzjoni sussegwenti mill-qorti wara stħarriġ ġudizzjarju, jitnaqqsu mill-fondi disponibbli tad-debitur. Meta kreditur iqajjem oġġezzjoni għall-ħruġ ta' ĊP jew Arranġament, normalment il-kreditur jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tiegħu [x]. Meta kreditur iqajjem oġġezzjoni għal PIA propost, il-kreditur jista' jitlob lill-qorti biex taġġudika l-ħlas tal-kostijiet tiegħu jekk l-oġġezzjoni tiegħu tiġi milqugħa [xi]. Fl-andament normali tal-avvenimenti l-kostijiet isegwu l-kawża, jiġifieri l-parti li l-azzjonijiet tagħha jgħarrbu l-kostijiet, trid tħallashom.

DRN: Ma hemm l-ebda kost involut f' DRN.

Falliment

Il-kredituri jħallu l-kostijiet tal-falliment, li jithallu minn kwalunkwe fond disponibbli fil-patrimonju tal-falliment.

17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimental għall-korp ġenerali ta' kredituri?

Proċedimenti ta' Insolvenza

Inkluża fil-kundizzjonijiet li debitur irid jissodisfa qabel ma jista' jidħol fi proċedimenti ta' insolvenza hemm dispożizzjoni li jrid jipprova dikjarazzjoni sħiħa u eżatta tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, u jiffirma dikjarazzjoni statutorja li tikkonferma din l-informazzjoni. Il-Prattikant fl-Insolvenza Personali (PIP) irid ukoll jaċċerta ruħu li d-debitur qed jgħid il-verità, u li żvelalu l-informazzjoni rilevanti kollha b'rabta mas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Kreditur jew PIP, jew l-ISI fir-rigward ta' DRN biss, jista' jitlob lil qorti biex tittermina proċedimenti ta' insolvenza għal ċerti raġunijiet ipprovduti fl-Att dwar l-IP, fosthom:

- Id-debitur bl-imġiba tiegħu irranġa s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu b'mod li jsir eliġibbli għal arranġament jew DRN;
- Ir-rekwiżiti proċedurali tal-Att ma ġewx issodisfati;
- Ineżattezzi jew ommissjonijiet fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Preskritta (PFS) tad-debitur li kkawżaw, jew jistgħu jikkawżaw, dannu materjali lill-kreditur;
- Id-debitur ma kkonformax mar-rekwiżit tal-eliġibbiltà;
- Id-debitur ta preferenza lil parti terza u b'hekk naqqas l-ammont disponibbli għall-ħlas tad-djun tiegħu; jew
- Id-debitur wettaq reat skont l-Att dwar l-Insolvenza tal-2012 (kif emendat).

Il-kredituri m'għandhom l-ebda dritt li jfittxu t-treġġiġħ lura ta' kwalunkwe tranżazzjoni jew trasferiment ta' assi qabel jibdew il-proċedimenti ta' insolvenza. Madankollu, jekk id-debitur jista' jitqies li kkontribwixxa b'mod eċċessiv għal fond ta' pensjoni, il-kreditur jista' jitlob għajjnuna finanzjarja mill-qrati. Dan jista' jirriżulta f'ordni mill-qorti biex il-fornitur tal-fondi joħroġ rifużjoni sħiħa tal-ammont għad-distribuzzjoni fost il-kredituri partijiet għall-arranġament.

Falliment

Trasferimenti ta' assi u pagamenti preċedenti li l-falluti jkunu għamlu lil kredituri jew lil individwi oħrajn jistgħu jiġu mibdula taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-falliment. Dan jinkludi sitwazzjonijiet fejn:

- Il-fallut ikun ħallas ammont jew ittrasferixxa assi lil xi kreditur bi preferenza fuq kredituri oħrajn li magħhom għandu d-dejn. Ir-RU jista' jitlob li dawn il-pagamenti, magħmula fit-tliet snin ta' qabel id-data ta' aġġudikazzjoni, jitreġġiġħ lura. Jekk ir-RU jirnexxielu, l-ammont inkwistjoni jitħallas lura fil-patrimonju tal-falliment għall-benefiċċju tal-kredituri kollha;[xii]
- Il-fallut ittrasferixxa jew irregala lil parti terza assi għal ammont aktar baxx mill-valur ġust tas-suq. Wara li tintlaqa' talba lill-Qorti Superjuri mir-RU, dawn it-trasferimenti fit-tliet snin qabel id-data ta' aġġudikazzjoni jistgħu jiġu annullati u n-nuqqas jitħallas fil-patrimonju tal-falliment għall-benefiċċju tal-kredituri kollha;[xiii]
- Il-fallut ittrasferixxa assi jew għamel pagament li jista' jitqies bħala "tranżazzjoni ta' evitar", jiġifieri l-fallut kien beħsiebu jevita li jkollu assi jew somma ta' flus meqjusa bħala parti mill-patrimonju ta' falliment tiegħu. Żewġ perjodi ta' żmien japplikaw f'dawn il-każijiet:
 - Kwalunkwe tranżazzjoni bħal din magħmula fit-tliet snin qabel il-falliment tista' titreġġa' lura mir-RU jekk tintlaqa' t-talba lill-Qorti Superjuri, u;
 - Kwalunkwe tranżazzjoni bħal din magħmula fil-ħames snin ta' qabel il-falliment, dment li l-fallut ma jirnexxilux jipprova li kien solventi fiż-żmien meta saret it-tranżazzjoni.[xiv]

Fix-xenarji kollha t'hawn fuq, ir-RU irid jipprova b'affidavit quddiem il-Qorti Superjuri li dawn it-tranżazzjonijiet seħew tabilħaqq b'tali mod li jissodisfa lill-Qorti Superjuri skont it-termini tal-leġiżlazzjoni; b'hekk, dawn it-

tranżazzjonijiet/trasferimenti jitqiesu ta' dannu għall-kredituri tal-patrimonju tal-falliment.

[i] Irreferi għall-Kapitolu 3, l-Artikoli 59-64 (DSA) u għall-Kapitolu 4, l-Artikoli 93-98 (PIA) tal-Att dwar l-Insolvenza tal-2012 (kif emendat) għal-Leġiżlazzjoni rigward iċ-Ċertifikati ta' Protezzjoni (ĊP)

[ii] L-Artikolu 115A tal-Att dwar l-Insolvenza tal-2012 (kif emendat)

[iii] Irreferi għall-Parti 5 tal-Att dwar l-Insolvenza Personali tal-2012 għall-bażi leġiżlattiva għal Prattikant fl-Insolvenza Personali, u r-Regolamenti tal-2013 (S.S. Nru 209 tal-2013) (Awtorizzazzjoni u Superviżjoni tal-Prattikanti fl-Insolvenza Personali) tal-Att dwar l-Insolvenza Personali tal-2012 għall-kriterji tal-kwalifiki, l-istandards regolatorji u r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni. Irreferi għall-Artikolu 7 tal-Att tal-2021 dwar l-Insolvenza Personali (Emenda) għall-bażi leġiżlattiva tal-PIP li titlob li persuna twettaq funzjonijiet ta' PIP.

[iv] L-Artikolu 135 tal-Att dwar l-Insolvenza tal-2012 (kif emendat) u l-Artikolu 17 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Falliment tal-1988 (kif emendat)

[v] L-Artikolu 135(2) tal-Att dwar l-Insolvenza tal-2012 (kif emendat)

[vi] L-Artikolu 61 u l-Artikolu 136 tal-Att dwar l-Insolvenza tal-1988 (kif emendat)

[vii] L-Artikolu 87 (DSA) u l-Artikolu 120 (PIA) tal-Att dwar l-Insolvenza 2012 (kif emendat)

[viii] L-Artikolu 75 tal-Att dwar il-Falliment tal-1988 (kif emendat)

[ix] L-Artikolu 81 u l-Artikolu 101 tal-Att dwar il-Falliment tal-1988 (kif emendat)

[x] L-Artikolu 97 tal-Att dwar l-Insolvenza tal-2012 (kif emendat)

[xi] L-Artikolu 115(a) tal-Att dwar l-Insolvenza tal-2012 (kif emendat)

[xii] L-Artikolu 57 tal-Att dwar il-Falliment tal-1988 (kif emendat)

[xiii] L-Artikolu 58 tal-Att dwar il-Falliment tal-1988 (kif emendat)

[xiv] L-Artikolu 59 tal-Att dwar il-Falliment tal-1988 (kif emendat)

■ L-aħħar aġġornament: 13/05/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.